MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 388/2010

**Miriam Grima**
**Vs**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
**(Trasport Malta)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Ottubru 2010 fejn ppremettiet illi:

"*L-esponenti giet notifikat b'ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010, li permezz taghha l-Awtorita' intimata qeghda titlob il-hlas ta' seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€ 788.17) rapprezentanti drittijiet tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura KAJ-538 mill-1 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-ittra, oltre hlas iehor fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€668) rapprezentanti multa amministrattiva ghal perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2009 u 31 ta' Awissu 2010, oltre hlas iehor ta' sitt mija u hames Ewro u sitta u hamsin centezmu*

*(€605.56) rapprezentanti kontravvenzjonijiet mhux imhallsa.*

*Illi bil-qima jinghad illi l-esponenti qeghda tikkontesta bil-qawwa kollha l-ammonti reklamati fl-ittra ufficjali sudetta u per tant qed tirrespingi t-talbiet dedotti kontra taghha mill-Awtorita' intimata bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi l-esponenti qeghda tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju lilu moghti permezz tal-Artikolu 57(4) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u trid li topponi l-imsemmija talbiet u dan inter alia ghas-segwenti ragunijiet u cioe':*

*1. Illi l-licenzja li taghha qeghda titlob il-hlas l-Awtorita' intimata hija isimha maghha 'licenzja ghac-cirkolazzjoni'. Il-vettura de quo mhux talli ilha mhux f'idejn l-esponenti talli addirittura din il-vettura giet trasferita fit-2002 lill-certu Marvin Bugeja.*

*2. Ili l-esponenti tispjega illi fis-sena 2002 il-vettura KAJ538 giet trasferita lill-Marvin Bugeja u dan tal-ahhar kellu jiehu hsieb hu li jsir it-transfer relattiv.*

*3. Illi jinghad ukoll illi fil-perjodu in kwistjoni kien miet zewg l-esponenti u l-esponenti kienet ghaddejja minn mument difficli ferm tant li spiccat armla oltre li ftit taz-zmien wara spicca mardilha binha ukoll tant li ftit taz-zmien ilu mitilha binha wkoll u ghalhekk l-esponenti litteralment tinsab moralment u emozzjonalment imkissra.*

*4. Illi gara illi malli l-esponenti ittrasferiet il-vettura lill-imsemmi Bugeja, xi zmien fit-2003 irceviet tahrika li din il-vettura kienet ghaddiet one way u habtet ma' xi vettura ohra. L-esponenti prontament cemplet lill-dan Bugeja biex tara x'kienet din l-affari u dan Bugeja informaha li hu kien qala' hafna citazzjonijiet u li jekk ma kenitx se thallsu nofshom, hu ma kienx se jaqleb il-vettura. Illi sussegwentement l-esponenti rceviet tahrika mill-Qorti biex titla' tixhed fil-kawza tal-one way fejn hemmhekk hi spjegat li l-vettura ma kenitx ghadha fil-pussess taghha u li hi kienet ittrasferietha lill-Bugeja u tant hu minnu li l-vettura ma kinitx f'idejn l-esponenti illi l-akkuzi in kwistjoni kienu inhargu fuq l-imsemmi Marvin Bugeja kif jidher car mill-anness kopja tal-akkuza Dok MG1.*

*5. Illi una volta hemm prova cara bhal din li l-vettura kienet ghand Marvin Bugeja tant li l-akkuza ta' sewqan traskurat u li naqas li javza lill-ADT li xtara l-vettura de quo hargu direttament kontra l-imsemmi Bugeja, ma tistax issa l-Awtorita' intimata ddur fuq l-esponenti ghal hlas minnha reklamat ghax hija stess li qed tammetti li kien Bugeja li kellu jinforma lill-Awtorita' bil-bidla tas-sid.*

*6. Illi f'dan l-isfond certament l-esponenti ma tistax tigi kkundannata thallas licenzja ghac-cirkolazzjoni ta' vettura li m'hiex u li mit-2003 l-quddiem qatt ma kienet fil-pussess taghha. Multo magis kemm tista' l-esponenti tigi kkundannata thallas ghal xi kontravvenzjoni li allegatament hemm pendenti fuq din il-vettura.*

*7. Illi di piu' sta ghall-Awtorita' intimata li tipprova li tali ammont huwa effettivament dovut mill-esponenti.*

*8. Illi ebda ammont m'hu dovut skond il-Ligi.*

*9. Illi kwanti ghat-talba tal-piena amministrattiva bil-qima jinghad li lanqas din m'hi dovuta peress li l-impozizzjoni o meno ta' tali piena trid necessarjament tghaddi mill-process gudizzjarju biex wiehed jixtarr jekk hiex gustifikata o meno. Allahares jinsabu fil-punt fejn ghax hemm artikolu fil-Ligi li jistabilixxi penali amministrattiva dan huwa fih innifsu fait accomplit u huwa immune ghal gudizzju tal-Qorti. L-impozizzjoni o meno tal-istess tehtieg necessarjament il-kanonizzazzjoni ossia il-pronunzjament ta' Qorti u mhiex xi dritt awtomatiku ta' l-Awtorita' intimata.*

*10. Illi dan apparti l-fatt li l-esponenti tikkontendi li l-penali amministrattiva tista' biss tibda tiddekorri minn notifika tal-ittra ufficcjali u mhux qabel. Illi f'dan il-kaz lanqas minn issa 'l quddiem ma tista' tiddekorri il-pieni amministrattiva peress li l-epsonenti tirrileva illi l-Awtorita' gja kienet taf bit-trasferiment fit-2003 tant li l-akkuza nharget kontra ix-xerrej tal-vettura u per di piu' bil-prezenti qeghda tirribadixxi u terga' tinforma lill-Awtorita' illi fit-2003 hija kienet ittrasferiet il-vettura lil Marvin Bugeja.*

*11. Illi di piu' ebda penali m'hu dovut ghax una volta, kif qed tikkontendi, l-esponenti mhux dovuti ebda hlasijiet ta' licenzja jsegwi li lanqas il-penali konsegwenzjali m'huma dovuti.*

*12. Illi kwantu ghal hlas tal-kontravvenzjonijiet dawn ukoll m'humiex dovuti u t-talba de quo hija infondata fil-fatt u fid-dritt."*

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghobha tiddikjara t-talbiet tal-Awtorita' intimata bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita' intimata.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata pprezentata fis-27 ta' Ottubru 2010, fejn eccepiet is-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. F'kull kaz, l-istess rikorrenti tammetti li hija ttrasferiet l-vettura de quo lill-Marvin Bugeja 'u dan ta' l-ahhar kellu jiehu hsieb hu li jsir it-transfer relattiv'. Illi l-Artikolu 26 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jrid li tkun sid il-vettura li taghti l-avviz u mhux li sid il-vettura jhalli f'idejn haddiehor biex jaghti l-avviz mehtieg skond il-ligi.*
*3. Ir-rikorrenti tghid li l-Awtorita' intimata qeghda titlob hlas ghal-licenzja ta' cirkolazzjoni. Imbaghad tghid li l-vettura giet trasferita lil Marvin Bugeja fis-sena 2002. Konvenjentement pero' tinsa dak li jghid l-Artikolu 26 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li 'u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggettta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura. Ir-rikorrenti messha hadet hsieb li tara li dak li tghid u trid il-ligi jigi osservat skrupolozament u mhux issa tipprova tahrab mir-responsabbilitajiet taghha.*
*4. L-Awtorita' intimata rat id-dokument anness mar-rikors tar-rikorrenti u ghandha s-segwenti osservazzjonijiet x'taghmel. Fl-ewwel lok, ghar-rigward ta' l-akkuzi kriminali mresqa mill-Pulizija kontra l-imsemmi Marvin Bugeja, ghandu jinghad li l-pulizija ma kellhomx alternattiva ohra hlief li johorgu l-akkuzi kontra l-istess Marvin Bugeja. Kien hu li kien qieghed isuq il-vettura dak il-hin. Pero' dawk kienu proceduri Kriminali. Dawn tal-*

*lum, huma proceduri Civili. Kulhadd jaf li dawn huma zewg azzjonijiet distinti. Is-sid registrat, skond l-Awtorita' intimata ghadha r-rikorrenti. Hija ma tatx l-avviz rikjest mill-ligi u allura ghadha responsabbli ghal hlasijiet dovuti skond il-ligi.*

*5. Fir-rigward tal-penali ta' €2 kuljum imposti a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) gie ndikat lir-rikorrenti u dan sabiex tigi mwissija li hemm din il-multa amministrattiva ghaddejja. Dan l-ammont li sal-lum (27 ta' Ottubru 2010) jammonta ghal €782, ma jifformax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, dak li tallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.*

*6. Lanqas ma l-Awtorita' intimata mhu qed titlob il-hlas tal-kontravenzjonijiet bl-imsemmija ittra ufficjali. Ir-rikorrenti giet infurmata li kien hemm kontravenzjonijiet dovuti u xejn izjed."*

Ghaldaqstant l-Awtorita' intimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti **Miriam Grima** xehdet nhar is-7 ta' Frar 2001 fejn kkonfermat illi r-ragel taghha miet fis-sena elfejn u tnejn (2002) u ftit wara kienet ddecidiet illi tbiegh il-vettura KAJ-538 billi ghamlet avviz fuq il-gazzetta. Sussegwentement kien cemplilha certu Marvin Bugeja, mar jara l-karozza, ghogbitu u taha l-flus u r-rikorrenti taghtu c-cwievet. Marvin Bugeja qallha biex hi ma tiehu hsieb xejn u li kien se jiehu hsieb li se jaghmel it-transfer hu. Ir-rikorrenti hasbet li ried jghin.

Sussegwentement ghadda z-zmien u r-rikorrenti rceviet karta minghand il-pulizija fejn giet akkuzata illi ghaddiet *one-way* u sabiex tidher il-Qorti. Imbaghad cemplet lil Marvin biex ssaqsieh ghamilx it-transfer f'ismu u qallha li traskura, li kien ircieva diversi citazzjonijiet u kellu l-ispejjez, u xtaq jizzewweg. Qallha biex thallsu nofs ic-

citazzjonijiet u kien lest li jaghmel it-transfer. Ir-rikorrenti rrifjutat u qaltlu biex jitilghu l-Qorti.

Però r-rikorrenti  bdiet tghid bejnha u bejn ruhha li ma kellhiex provi li bieghitlu l-vettura u tiftakar li waqt li kienu qieghdin jitkellmu qallha li kien inxurjat mal-*Atlas Insurance.* Ir-rikorrenti kompliet tixhed li marret ghand l-*Atlas Insurance*, infurmathom b'dak li kien gara, u staqsithom biex jaghtuha  provi biex tindika illi effettivament il-vettura kienet f'idejh. Qalet illi d-Data Protection kienet ghadha ma gietx in vigore u tawha l-informazzjoni mehtiega. Ir-rikorrenti tiftakar li kienet telghet il-Qorti wahedha, kienet sabet avukat fil-kuritur tal-Qorti u dahlet mieghu u giet liberata mill-akkuzi kriminali . Ir-rikorrenti xehdet illi meta giet liberata hija fehmet li l-awtoritajiet  kienu se jgieghluh jaghmel it-transfer.

Meta r-rikorrenti giet murija d-dokument MG1 bid-dettalji ta' Marvin Bugeja a fol. 4 tal-process hija kkonfermat illi huwa l-persuna li lilu bieghhet l-vettura u li sussegwentement hargu l-akkuzi fil-konfront taghha ghalkemm l-vettura ma kinitx f'idejha. Ir-rikorrenti ddikjarat li ma semghet xejn aktar minn dakinhar 'il hawn.

Hi taf li t-telefonata li kienet ghamlet ma' Bugeja kienet fis-sena elfejn u tlieta (2003). Dakinhar kienet taf li l-karozza kienet ghadha tghajjat lilha u hi m'avvicinatx l-Awtorità ghax hasbet li meta telghet il-Qorti kienu se jiehdu hsieb huma. Ma' l-Awtorità ma ffirmat xejn.

**Miriam Grima**, xehdet in kontro-ezami nhar il-11 ta' Mejju 2011 u mistoqsija jekk hi marritx l-Awtorità mis-sena elfejn u tlieta (2003) sal-lum tghid li ma marritx ghaliex meta kienet telghet il-Qorti u l-avukat qallha li kienet clear, ma hassitx il-htiega li kellha tmur x'imkien ieħor u ma ratx 'l ghaliex kellha ticcekkja fuq il-Qorti.

Meta regghet marret ghand tal-insurance in konnessjoni mal-kawza odjerna, din id-darba qalulha li ma setghux jaghtuha informazzjoni u kellhom jiġu l-Qorti huma stess biex jixhdu. Kien ghalhekk li r-rikorrenti qaltilhom biex jigu l-Qorti.

**Steve Conti** xehed nhar il-11 ta' April 2011 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' manager mas-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance. Ikkonferma li l-vettura KAJ 538 tal-ghamla Volvo 345 kienet inxurjata mas-socjetà Atlas mill-ewwel ta' Marzu 2003 sal-31 ta' Jannar 2006 f'isem ċertu Marvin Bugeja. Ix-xhud esebixxa kopja tal-polza meta il-vettura a kienet koperta maghhom dan id-dokument gie markat bhala dokument "Z".

Ix-xhud qal li bhala *policy* m'ghandhomx ghalfejn jaghtu informazzjoni dwar il-klijenti taghhom lil nies ohrajn, però jaf illi darba minnhom kien ra lir-rikorrenti fl-ufficcju taghhom u dan ghaliex kellu jitla' rapprezentant taghhom, li s-soltu huwa ċertu Noel Bianco u qaltilhom li ahjar jitla' xi rapprezentant minn taghhom sabiex forsi jehles minn din il-kawza li kellhom pendenti. Pero' ix-xhud kkonferma li mhux normali jaghtu informazzjoni dwar xi klijenti taghhom lil xi hadd li ma jafuhx. Huwa ddikjara li ma jaghtix informazzjoni lil xi hadd li jistaqsi informazzjoni fuq haddiehor, bhala policy.

**Brian Farrugia**, rapprezentant tal-Awtorita' ghat-Trasport xehed nhar il-5 ta' Ottubru 2011 fejn ddikjara li l-vettura KAJ 538 hija ta' l-ghamla Volvo 345 ta' kulur kannella u hija registrata f'isem Miriam Grima u ilha hekk registrata sa' mil-11 ta' Jannar 2002. Ix-xhud ddikjara li ma ghandu l-ebda dokumentazzjoni ohra salv dik datata 11 ta' Jannar 2002 meta effettivament il-vettura giet trasferita ghal fuq isem Miriam Grima. Ix-xhud iccekja fis-sistema komjuterizzata taghhom biex jara jekk kienx hemm xi komunikazzjoni ohra pero' ma' rrizultax li kien hemm. Brian Farrugia spjega li meta il-vettura tigi trasferita minn persuna ghal ohra, il-procedura hija li jimtela' il-*log book* miz-zewg partijiet u dan irid jigi iddepositat maghhom flimkien ma' kopja tal-ID Card respettivi tal-partijiet u kopja tal-insurance ta' min qed jixtri il-vettura. Huwa xehed li f'dan il-kaz ma kien hemm xejn minn dan, la *hard copy* u lanqas fis-sistema kompjuterizata, u tenna li l-obbligu dejjem jaqa' fuq sid il-vettura li jmur jirregistra maghhom fi zmien sebat ijiem minn mindu issir it-transfer relativ.

**Brian Farrugia**, in kontro-ezami gie muri dokument MG1 esebit fl-atti a fol. 4. Mistoqsi jekk jafux xi haga dwar din l-akkuza, jghid li effettivament jaf. Huwa minnu wkoll li din l-akkuza harget fil-konfront ta' Martin Bugeja, pero' jikkonferma li l-proceduri in kwistjoni ma gewx imnedijin mit-Transport Malta. Brian Farrugia kkonferma li huma xehdu f'dik il-kawza u dana fil-konfront tal-karozza mertu ta' din il-kawza. Qal li l-obbligu fuq sid il-vettura li rregistra it-transfer maghhom sar fis-sena 2004. Qabel tali obbligu kien kemm fuq il-kompratur kif ukoll fuq il-venditur. Ix-xhud iddikjara li mhux responsabbli biex jircievi id-dokumentazzjoni gewwa l-Awtorita' tat-Trasport u li hemm diversi nies impjegati mat-Transport Malta.

Rat li fil-verbal tal-5 ta' Ottubru 2011, il-Qorti tat lir-rikorrenti sal-ahhar ta' Ottubru 2011 sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-visto tal-kontro-parti li kellu sat-23 ta' Novembru 2011 ghan-nota responsiva.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 31 ta' Ottubru 2011 u dik tas-socjeta' intimata datata 7 ta' Novembru 2011.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jririzulta li r-rikorrenti kellha vettura tal-ghamla Volvo bin-numru ta' registrazzjoni KAJ 538 u dwar dan ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni, u li wara li miet zewgha hija bieghet din il-vettura lil certu Marvin Bugeja. Jirrizulta wkoll, anke minn dak li rrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti stess, li Marvin Bugeja ha pussess ta' din il-vettura tant li anke spicca ha xi citazzjonijiet mill-pulizija in konnessjoni mas-sewqan tieghu. Dan nonostante pero' jirrizulta bhala fatt li l-vettura baqghet registrata f'isem r-rikorrenti minkejja li dan kien gharrafha li kien ser idawwar il-vettura ghal fuqu dan ma sehhx.

Ir-rikorrenti tghid li hija kellha l-isfortuna li titlef lil zewgha li kien jiehu hsieb l-affarijiet kollha taghha u ftit wara wkoll lil binha u li ghalhekk emozzjonalment hija mfarka, w ghalkemm il-Qorti jiddispjaciha ta' dan kollu, xorta tirrileva li r-rikorrenti naqset meta ma infurmatx lill-Awtorita'

intimata dwar dan it-tibdil fis-sid. Illi jidher li l-vettura ghadha registrata f'isem r-rikorrenti sal-lum skond ix-xhieda tar-rappresentant tal-Awtorita' Brian Farrugia.

Illi l-Awtorita' intimata mhix qed titlob lir-rikorrenti thallas l-multi amministrattivi li talvolta jistghu jkunu dovuti kif erronjament stqarret r-rikorrenti fir-rikors promotur taghha u anke fin-nota ta' sottomissjoni taghha, izda qed titlob biss li r-rikorrenti tigi kkundannata thallas l-licenzji li skadew u li huma dovuti sa mis-sena 2002 u li ghadhom ma thalsux sal-lum. Ir-rikorrenti ssostni li hija m'ghandhiex thallas dan l-ammont ta' sitt mija u hames Ewro u sitta u hamsin centezmu (€605.56) u dan sempliciment ghaliex il-vettura ilha ma tkun fil-pussess taghha sa mis-sena 2003. Hija qed tinsisti fin-nota taghha li l-Awtorita' kienet taf li il-vettura m'ghadhiex fil-pussess taghha u li ghalhekk semmai messha harket direttament lil Marvin Bugeja. Fin-nota taghha tghid ukoll illi kien jispetta lil dan Bugeja jinforma lil Awtorita' dwar it-tibdil fis-sid.

Bir-rispett kollu pero' din mhux il-posizjoni legali ghaliex legalment jibqa' responsabbli ghal vettura il-persuna li lilha tghajjat mal-Awtorita'.

Issa wkoll fil-mertu, kif tammetti l-istess rikorrenti fir-rikors taghha, hija ttrasferiet din il-vettura lil Bugeja minghajr ma kienet baghtet avviz ta' dan lill-istess Awtorita' intimata. Dan ifisser li hija ghadha responsabbli skond il-ligi anke ghall-arretrati tal-licenzji. L-avviz tat-trasferiment kellu jinghata lill-Awtorita' intimata u mhux sempliciment jigi ffirmat il-log book. L-obbligu ta' dan l-avviz kien tar-rikorrenti u ta' hadd izjed kif tajjeb osservat l-Awtorita' intimata fin-nota taghha.

Bizzejjed jinghad li **l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi is-segwenti:

*"Kull persuna imsemmija fuq il-licenzja bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenzja, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin*

*tipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenzja ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrenti ghandha f'isimha l-licenzja tal-vettura (kif del resto kkonferma Brian Farrugia), dan ifisser li hija r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk tibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma tkun ittrasferiet l-ebda jedd taghha.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1) tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

*"Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti."*

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz hija r-rikorrenti *qua r-registered owner*, hija responsabbli civilment ghall-hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas taghha ghalkemm seta' kien il-kaz li ma kienx nuqqas intenzjonali.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi:**

**Tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' intimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali datata 22 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti.**

**L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------